# IL-BIJODIVERSITÀ, L-UŻU TAL-ART U L-FORESTRIJA

L-UE żvolġiet rwol internazzjonali importanti biex issib soluzzjonijiet għat-telf tal-bijodiversità, id-deforestazzjoni u t-tibdil fil-klima. Il-Konferenza dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tan-NU tal-1992 tirrappreżenta pass ewlieni 'l quddiem għall-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-ħarsien tan-natura bis-saħħa tal-adozzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika. Fl-2011, l-UE impenjat ruħha li twaqqaf it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema fl-UE sal-2020. Il-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima jinnota l-importanza li tiġi żgurata l-integrità tal-ekosistemi kollha u l-protezzjoni tal-bijodiversità. Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni pproponiet strateġija ġdida għall-bijodiversità li għandha l-għan li tpoġġi l-bijodiversità tal-Ewropa fit-triq tal-irkupru sal-2030, għall-benefiċċju tan-nies, il-klima u l-pjaneta.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 3, 11 u 191-193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)

## SFOND ĠENERALI

Il-Konferenza dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tan-NU (UNCED), li saret f'Rio de Janeiro fl-1992, wasslet għall-adozzjoni tal-Konvenzjoni Qafas dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB), kif ukoll għad-Dikjarazzjoni ta' Rio, Stqarrija ta' Prinċipji tal-Foresti u l-programm "Aġenda 21". Il-KDB hija kkomplementata minn żewġ protokolli ewlenin: il-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza, li ġie adottat fis-sena 2000 u li daħal fis-seħħ fl-2003, għandu l-għan li jipproteġi l-bijodiversità mir-riskji potenzjali maħluqa minn organiżmi modifikati ħajjin li jirriżultaw mill-bijoteknoloġija moderna; u l-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess u l-Qsim ta' Benefiċċji, li ġie adottat fl-2010 u li daħal fis-seħħ fl-2014, għandu l-għan li joħloq ċertezza legali u trasparenza akbar kemm għall-fornituri kif ukoll għall-utenti tar-riżorsi ġenetiċi. Madankollu, ir-rapport tal-KDB intitolat "Il-Prospett Globali tal-Bijodiversità 3" juri li l-objettiv tal-bijodiversità għall-2010 ma ntlaħaqx. Fl-2010, f'Nagoya (il-Prefettura ta' Aichi, il-Ġappun), il-Partijiet għall-KDB adottaw ukoll pjan strateġiku rivedut li jinkorpora l-Miri tal-Bijodiversità ta' Aichi: 20 mira ambizzjużi organizzati f'ħames objettivi strateġiċi biex jiksbu l-protezzjoni tal-bijodiversità sal-2020, bħala parti minn pjan strateġiku tal-bijodiversità għall-perjodu 2011-2020.

L-UE tagħmel ukoll parti mill-konvenzjonijiet li ġejjin: il-Konvenzjoni ta' Ramsar dwar il-Konservazzjoni tal-Artijiet Mistagħdra (Frar 1971); il-Konvenzjoni CITES (Marzu 1973); il-Konvenzjoni ta' Bonn dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali

Selvaġġi (Ġunju 1979); il-Konvenzjoni ta' Berna dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ħabitat Naturali Ewropej (1982); il-KDB ta' Rio de Janeiro (1992); u mill-konvenzjonijiet reġjonali li ġejjin: il-Konvenzjoni ta' Helsinki dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Marin taż-Żona tal-Baħar Baltiku (1974); il-Konvenzjoni ta' Barċellona dwar il-Mediterran (1976); u l-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-Alpi (1991). L-UE hija wkoll marbuta bil-Konvenzjoni ta' Aarhus (1998), li tipprevedi l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja.

L-isforzi internazzjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass serra qed isiru skont il-UNFCCC. Il-Protokoll ta' Kjoto għall-UNFCCC jimpenja lin-nazzjonijiet żviluppati biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gass serra fil-perjodu sal-2020. F'Diċembru 2015, il-Partijiet għall-UNFCCC adottaw il-Ftehim ta' Pariġi, ftehim legalment vinkolanti dwar il-klima li japplika għall-pajjiżi kollha u għandu l-għan li jillimita t-tisħin globali sa ferm inqas minn 2 gradi Celsius u jkompli bl-isforzi tiegħu biex jibqa' taħt 1.5 gradi. Fi ħdan il-UNFCCC, l-inizjattiva REDD+ tipprovdi strumenti għall-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti fit-tropiċi. Il-Ftehim ta' Pariġi jinnota l-importanza li tiġi żgurata l-integrità tal-ekosistemi kollha, fosthom l-oċeani, u l-protezzjoni tal-bijodiversità. Barra minn hekk, il-Ftehim jindika wkoll ir-rwol kritiku tas-settur tal-użu tal-art biex jilħaq l-għanijiet ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fit-tul.

## GĦANIJIET U KISBIET

### A. Il-pjanijiet ta' azzjoni għall-bijodiversità

F'Mejju 2006 il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni u pjan ta' azzjoni bit-titlu "It-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità sal-2010 – u lil hinn: It-tisħiħ tas-servizzi ta' l-ekosistema għall-ġid tal-bniedem". Peress li l-UE aktarx ma kinitx se tilħaq il-mira tagħha tal-2010 li twaqqaf it-tnaqqis fil-bijodiversità, f'Ġunju 2011, il-Kummissjoni adottat strateġija ġdida sabiex "jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tas-servizzi tal-ekosistemi fl-UE sal-2020, u [li dawn] jiġu rriġenerati [...], filwaqt li tiżdied il-kontribuzzjoni tal-UE biex jiġi evitat telf globali tal-bijodiversità". F'Diċembru 2011, il-Kunsill approva l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020, billi inkorpora s-sitt miri tiegħu: l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tan-natura tal-UE biex tiġi protetta l-bijodiversità; ħarsien aħjar tal-ekosistemi u użu akbar tal-infrastruttura ekoloġika; agrikoltura u forestrija aktar sostenibbli; ġestjoni aħjar tal-istokkijiet tal-ħut; kontrolli aktar riġidi fuq speċijiet aljeni invażivi; u kontribuzzjoni ikbar tal-UE biex jiġi evitat it-telf globali tal-bijodiversità.

### B. Il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi

Id-Direttiva dwar il-Ħabitats (id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi emendata bid-Direttiva 97/62/KE) stabbiliet network Ewropew, Natura 2000. Dan jinkludi "Siti ta' Interess Komunitarju"/"Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni" magħżula mill-Istati Membri, u "Żoni ta' Ħarsien Speċjali" klassifikati skont id-Direttiva 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi. B'medda totali ta' aktar minn 850 000 $km^2$, dan huwa l-akbar network koerenti ta' siti protetti fid-dinja. Id-Direttiva dwar il-Ħabitats hija intiża prinċipalment biex tippromwovi l-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika filwaqt li tqis ir-rekwiżiti ekonomiċi, soċjali, kulturali u reġjonali. Id-Direttiva emendata tal-Għasafar (2009/147/KE) tkopri

l-ħarsien, il-ġestjoni u l-kontroll tal-għasafar (selvaġġi), inklużi r-regoli għal kaċċa sostenibbli.

## C. Speċijiet aljeni invażivi

Il-kontrolli aktar stretti dwar l-ispeċijiet aljeni invażivi huma wieħed mis-sitt objettivi tal-istrateġija tal-bijodiversità tal-UE sal-2020. L-ispeċijiet aljeni invażivi jikkawżaw dannu li jammonta għal biljuni ta' euro kull sena fl-UE, mhux biss lill-ekosistemi iżda anke lill-għelejjel u l-bhejjem, ifixklu l-ekoloġija lokali u jaffettwaw is-saħħa tal-bniedem. Karatteristika ewlenija tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid tal-ispeċijiet aljeni invażivi hija l-lista ta' dawn l-ispeċijiet li huma ta' tħassib għall-Unjoni. Ir-regolament huwa intiż # permezz tal-prevenzjoni, it-twissija bikrija u r-rispons rapidu # li jipproteġi l-bijodiversità indiġena u jnaqqas u jtaffi l-impatt ta' dawn l-ispeċijiet fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ekonomija. B'mod partikolari, l-Istati Membri se jkollhom jistabbilixxu sistemi ta' sorveljanza u pjanijiet ta' azzjoni.

## D. L-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji

Wara l-adozzjoni tal-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji, il-Kummissjoni, f'Ottubru 2012, ippreżentat proposta bil-għan li tistabbilixxi rekwiżiti vinkolanti għall-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi fil-pajjiż ta' oriġini u li tiżgura li l-benefiċċji jitqassmu b'mod ġust u ekwu. Ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill wassal għall-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 511/2014. Skont dan ir-Regolament, ir-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjati ma' dawn ir-riżorsi jistgħu jkunu trasferiti u użati biss skont il-kundizzjonijiet miftiehma bejn l-utenti (impriżi, kollezzjonisti privati u istituzzjonijiet) u l-awtoritajiet tal-pajjiż ta' oriġini.

## E. L-isfruttament u l-kummerċ ta' fawna u flora selvaġġi

Il-konvenzjoni CITES tirregola l-kummerċ internazzjonali, b'mod speċifiku l-esportazzjoni (u l-esportazzjoni mill-ġdid) u l-importazzjoni ta' annimali u pjanti ħajjin u mejtin u ta' partijiet u derivati minnhom, abbażi ta' sistema ta' permessi u ċertifikati. Ir-regolament bażiku ((KE) Nru 338/97) dwar il-protezzjoni tal-fawna u l-flora selvaġġi, billi jirregola l-kummerċ, japplika l-objettivi, il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tal-konvenzjoni CITES għad-dritt tal-UE. Kull meta ssir bidla fil-lista tal-ispeċijiet elenkati fl-annessi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97, pereżempju, sabiex jiġu implimentati d-deċiżjonijiet tal-elenkar mill-Konferenza tal-Partijiet tas-CITES, dan isir permezz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni, bħar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1915, li jipprojbixxi l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kampjuni ta' ċerti speċijiet ta' fawna u flora selvaġġi.

## F. Il-bijodiversità relatata mal-benessri tal-annimali

Il-Kummissjoni nediet il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri tal-Annimali 2006-2010 (COM(2006)0013) li jappoġġja l-prinċipju tat-"tliet R" bl-Ingliż (Replacement, Reduction u Refinement - is-sostituzzjoni, it-tnaqqis u l-irfinar tal-użu tal-annimali għar-riċerka). Id-Direttiva 2010/63/UE dwar il-Protezzjoni tal-Annimali li jintużaw għal Skopijiet Xjentifiċi (li tħassar id-Direttiva 86/609/KEE) hija bbażata fuq dak il-prinċipju u daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2013. Barra minn hekk, ir-Regolament (KE)

Nru 1007/2009 għandu l-għan li jiżgura li l-prodotti li ġejjin mill-foki ma jibqgħux fis-suq tal-UE.

### G. Il-bijodiversità tal-baħar

Il-bijodiversità tal-baħar taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Bijodiversità għar-Riżorsi Naturali u s-Sajd. Ir-rieżami tal-Istrateġija tal-Bijodiversità tal-UE jisħaq fuq l-importanza ta' "status ekoloġiku tajjeb" tal-ibħra u ż-żoni kostali jekk verament iridu jappoġġjaw il-bijodiversità. Barra minn hekk, id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (2008/56/KE) dwar il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ambjent tal-baħar daħlet fis-seħħ f'Lulju 2008. Hija kellha l-għan li tiżgura status tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar tal-UE sal-2020 u li tipproteġi r-riżorsi li fuqhom jiddependu l-attivitajiet ekonomiċi u soċjali relatati mal-baħar.

### H. Il-foresti

Il-foresti jagħmlu kważi 30 % tas-superfiċji tan-network "Natura 2000". L-UE għandha kważi 182 miljun ettaru ta' foresti, li jkopru 43 % tal-erja tal-art tagħha u għalhekk diversi miżuri tal-UE huma mmirati lejn il-protezzjoni tal-foresti. Ir-Regolament dwar l-Injam ((UE) Nru 995/2010) jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jpoġġu l-injam u l-prodotti tal-injam fis-suq tal-UE. Dan imur kontra l-kummerċ tal-injam maqtugħ illegalment u tal-prodotti tal-injam illegali permezz ta' obbligi ewlenin u jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-UE, għall-ewwel darba, tal-injam maqtugħ illegalment u l-prodotti tal-injam illegali. F'Settembru 2013, ġiet adottata Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti" (COM(2013)0659). Sussegwentement, il-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2014 "jenfasizzaw l-importanza tas-settur ibbażat fuq il-foresti għall-UE u r-rwol kruċjali tal-foresti li jippermettu t-trasformazzjoni strutturali tas-soċjetà lejn l-ekonomiji b'bażi bijoloġika". Rapport ta' nofs it-terminu dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti kkonkluda li sar progress sinifikanti lejn l-objettivi tal-2020.

### I. L-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF)

Is-settur tal-LULUCF ikopri l-użu tal-ħamrija, is-siġar, il-pjanti, il-bijomassa u l-injam, u għandu l-karatteristika partikolari li ma jarmix biss gassijiet serra iżda huwa wkoll kapaċi jassorbi s-CO# mill-atmosfera. Sal-2020, l-Istati Membri huma impenjati, skont il-Protokoll ta' Kjoto, li jiżguraw li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-użu tal-art jiġu kkumpensati b'assorbiment ekwivalenti ta' CO#, li jsir possibbli permezz ta' azzjoni addizzjonali fis-settur. L-UE issa għandha l-għan li tinkorpora dan il-prinċipju (l-hekk imsejħa regola ta' ebda debitu) fid-dritt tal-UE għall-perjodu 2021-2030, billi tinkorpora l-LULUCF fl-isforzi tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet għall-ewwel darba. Ir-Regolament (UE) 2018/841, li daħal fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2018, dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbiment tal-gassijiet serra mil-LULUCF fil-qafas tal-klima u tal-enerġija għall-2030, jimplimenta l-ftehim milħuq mill-mexxejja tal-UE f'Ottubru 2014 li s-setturi kollha għandhom jikkontribwixxu għall-mira tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet għall-2030. Skont dan ir-regolament, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mil-LULUCF għandhom jiġu kkumpensati minn tal-inqas it-tneħħija ekwivalenti ta' CO# mill-atmosfera matul il-perjodu 2021-2030.

**J.** L-istrumenti finanzjarji

Mill-1992 l-istrument ta' finanzjament tal-UE ddedikat għall-ambjent kien il-programm LIFE. Il-konservazzjoni tan-natura u l-bijodiversità kienu inklużi fost is-sottoprogrammi għall-erba' fażijiet li diġà tlestew. Il-ħames fażi tal-programm LIFE (introdotta permezz tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013 u koperta mill-perjodu LIFE 2014-2020) tikkonsisti f'żewġ sottoprogrammi, dwar it-tibdil fil-klima u l-ambjent. Hemm baġit ta' EUR 1.155 miljun disponibbli għan-natura u l-bijodiversità, bħala parti mis-sottoprogramm tal-ambjent. Finanzjament ieħor li jappoġġja l-bijodiversità huwa pprovdut fil-qafas tal-politiki tal-agrikoltura u tas-sajd, il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni u l-programmi qafas ta' riċerka pluriennali.

**K.** Il-Patt Ekoloġiku Ewropew

Fil-11 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li huwa pakkett ambizzjuż ta' miżuri intiżi biex l-UE tkun tista' ssir newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jipprovdi pjan ta' azzjoni biex l-UE tinbidel f'ekonomija sostenibbli u kompetittiva. Fost l-azzjonijiet proposti hemm Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 (ippubblikata fl-20 ta' Mejju 2020) b'miżuri li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tat-telf tal-bijodiversità, kif ukoll Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti b'miżuri li jappoġġjaw ktajjen tal-valur ħielsa mid-deforestazzjoni. L-Istrateġija l-ġdida għall-Bijodiversità għall-2030 tindirizza l-ħames muturi ewlenin tat-telf tal-bijodiversità (il-bidliet fl-użu tal-art u tal-baħar, l-isfruttament żejjed, it-tibdil fil-klima, it-tniġġis, u l-ispeċijiet aljeni invażivi), tistabbilixxi qafas ta' governanza msaħħaħ biex jimtlew il-lakuni li fadal, tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE, u tiġbor flimkien l-isforzi kollha eżistenti.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Bħala koleġiżlatur, il-Parlament ilu jappoġġja l-politiki tal-UE dwar il-protezzjoni tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima. F'Settembru 2010, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rigward il-konservazzjoni tal-bijodiversità, fid-dawl tal-objettiv ta' wara l-2010. Huwa esprima t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' kwalunkwe sens ta' urġenza fl-aġenda politika internazzjonali fir-rigward tat-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità, u talab għal governanza mtejba tal-bijodiversità fir-relazzjonijiet kemm interni kif ukoll esterni.

F'Novembru 2016, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar il-pjan ta' azzjoni kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, bl-għan li titrażżan din il-kriminalità organizzata u distruttiva li tirrappreżenta theddida għall-bijodiversità billi twassal lil ħafna speċijiet għar-riskju ta' estinzjoni. Il-pjan ta' azzjoni għandu tliet prijoritajiet: il-prevenzjoni, l-infurzar u l-kooperazzjoni. Ġiet enfasizzata l-importanza tal-kooperazzjoni globali bejn il-pajjiżi ta' oriġini, il-pajjiżi ta' tranżitu u l-pajjiżi ta' destinazzjoni. F'Ottubru 2016 u Ottubru 2017, il-Parlament adotta riżoluzzjonijiet kontra l-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni ta' organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM) – qamħirrum, fażola tas-sojja, eċċ. – u biex isiru sforzi sabiex jiffaċilitaw il-projbizzjoni tal-kultivazzjoni tal-OĠM mill-Istati Membri f'konformità mal-objettiv li jitħarsu l-bijodiversità, in-natura u l-ħamrija.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Ottubru 2015 intitolata "Lejn ftehim internazzjonali ġdid dwar il-klima f'Pariġi", il-Parlament fakkar li t-tibdil fil-klima qed jaċċelera t-telf tal-

bijodiversità, talab għal ftehim li jinvolvi l-"isforz komprensiv fis-setturi kollha" u nnota li l-użu tal-art "għandu potenzjal kosteffettiv sinifikanti għall-mitigazzjoni u għat-tisħiħ tar-reżiljenza".

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-16 ta' Jannar 2020 dwar il-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP15) għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika enfasizzat il-ħtieġa li jiżdiedu l-ambizzjoni u l-inklużività, u li jittejjeb il-funzjonament tal-Qafas Globali għall-Bijodiversità wara l-2020.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti, il-Parlament enfasizza wkoll ir-rwol kruċjali li għandhom l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti wara l-2020 u l-Patt Ekoloġiku Ewropew biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli.

Fl-aħħar nett, ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-22 ta' Ottubru 2020 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha enfasizzat li l-politika tal-kummerċ u tal-investiment jeħtieġ li tiġi rieżaminata sabiex tiġi indirizzata l-isfida tad-deforestazzjoni globali b'mod aktar effettiv, billi jinħolqu kundizzjonijiet ekwi globali u titqies ir-rabta bejn il-ftehimiet kummerċjali u l-bijodiversità globali, kif ukoll l-ekosistemi tal-foresti.

Georgios Amanatidis
12/2020